

31998R0955

7.5.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 133/12

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 955/98**  
**tad-29 ta' April 1998li**  
**jirrigwarda l-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 <sup>(1)</sup> dwar it-tariffi u n-nomenklatura statistikali u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2509/97 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifika ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali sabiex tiġi interpretata n-Nomenklatura Magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura li hija msejsa fuqha fl-intier tagħha jew f'parti minnha jew li żżid kull suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi Komunitarji, bil-ħsieb li jiġu applikati t-tariffi u l-miżuri l-oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ fl-oġġetti;

Billi skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament preżenti jridu jiġu klassifikati ġewwa l-kodiċijiet approprijati tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi huwa aċċettat illi t-tagħrif li jorbot tat-tariffi maħruġ mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri rigward il-klassifika ta' l-oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda u li ma jikkonformawx

mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, jista' jissokta jiġi invokat, taħt id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komuni <sup>(3)</sup>, għal perjodu taż-żmien ta' tliet xhur mill-pussessur;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tat-Taqsima tat-Tariffi u n-Nomenklatura Statistkali tal-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa klassifikati ġewwa n-Nomenklatura Magħquda ġewwa l-kodiċijiet approprijati tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

*Artikolu 2*

It-tagħrif li jorbot tat-tariffa maħruġ mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri li ma jikkonformawx mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament jista' jissokta jiġi invokat taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu taż-żmien ta' tliet xhur.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fid-29 ta' April 1998.

*Għall-Kummissjoni*

Mario MONTI

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 345, ts-16.12.1997, p. 44.

<sup>(3)</sup> ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

## L-L-ANNESS

Id-Deskrizzjoni	Il-Klassifika (Il-Kodiċi tan-NM)	Ir-Raġunijiet
1	2	3
<p>1. Sett tal-headphones stereo bla fili, li jikkonsisti minn:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— headphones li jaħdmu bil-batterija b'radjo riċevitur ta' frekwenza għolja mibni minn ġewwa,</li> <li>— radjo trasmettitur ta' frekwenza għolja bi tliet kanali b'firxa ta' 100 m u</li> <li>— adapter li jikkonnettja t- trasmettitur ma' mezzi varji ta' l-awdjo</li> </ul>	8518 30 80	<p>Il-Klassifika hija stabbilita bid-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-nota 4 mat-taqsimu XVI u l-għoti tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 8518, 8518 30 u 8518 30 80</p>
<p>2. Mezz ta' frekwenza ta' l-awdjo li jikkonsisti minn 95 proċessur tal-ħoss, li jirċievi u jibdel is-sinjali minn sorsi differenti.</p> <p>Għandu l-funzjonijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— is-simulazzjoni ta' ambjenti akustiċi (p.e. l-akustika ta' knisja jew ta' diskoteka) u</li> <li>— l-amplifikazzjoni tal- frekwenza ta' l-awdjo</li> </ul>	8543 89 95	<p>Il-Klassifika tiġi stabbilita bid-disposizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1, 3ċ u 6 tan-Nomenklatur Magħquda u l-għoti tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 8543, 8543 89 u 8543 89 95.</p> <p>Ma tistax tiġi stabbilita funzjonib prinċipali.</p>